# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 396/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Edmond Cuschieri)

vs

**Giuseppe Azzopardi**

iben Salvatore, imwieled Lija, fis-17 ta’ Ottubru, 1955, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 753355(M)

Illum, 26 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Giuseppe Azzopardi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa 'Bottega del Marmista' li jinsab fi Triq Durumblat, Mosta, nhar 1-14 ta Mejju 2012 ghall-habta ta' nofsinhar nieqes kwart (1145hrs):

1. Insulenta u/jew hedded lil Maria Theresa Falzon bi kliem.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Maria Theresa Falzon jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Lulju 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 339(1)(e) u l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien ta' tlett (3) xhur mil-lum ai terminu tal-artikolu 22(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll garanzija personali li ma jimmolestax lil Maria Theresa Falzon sa zmien sena (1) mil-lum u dan taht penali ta' mitejn u hamsin euro (€250) a tenur tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Giuseppe Azzopardi tas-6 ta' Awwissu 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka is-sentenza hawn appellata , tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull kundizzjoni mposta u kull imputazzjoni skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

L- Ewwel Qorti tat affidament lix-xiehda tal- kwerelanti, konsistenti fix-xiehda taghha ,ta' binha u ta' ommha , li rriteniet bhala " *hafna iktar kredibbli u veriterji*", meta l-fatti juru mod iehor.

L-appellant sostna li Maria Theresa Falzon kienet tfaccat fl-ufficju tieghu fl-istabiliment fabbrika 'Bottega del Marmista' fi Triq Duramblat, il-Mosta. (lejn Ta' Qali). Dan l-ufficju jinsab madwar mija u ghoxrin (120) pied il-boghod mit-triq, fis-sens li mill-kancell mat-triq li jaghti ghal-bitha qabel ma wiehed jasal ghall-ufficcju, hemm din id-distanza.

Hija dahlet fl-ufficcju flimkien ma' binha , li fih ragel u huwa ferm itwal mill-appellant, u bdiet tilmenta bil-qawwa mal-appellant rigward dewmien fit-tlestija tax-xoghol ta' irham ghat-tqeghid fuq il-qabar ta' missierha, liema xoghol kien ordnat minn ommha.

L-appellant spjega lill-kwerelanti li ghamel zmien wieqaf ghax ma kienx jiflah , b'dana li x-xoghol kien ferm avanzat.
Waqt li kienet qed tilmentalu , prova wkoll ifehmha li anke dak il-hin stess ma kien jiflah xejn, billi kellu attakk qawwi tal-asthma u s-sinozite u kellu il-vista tieghu effetwata hazin minhabba li isofri minn pressjoni f'ghajnejh. U ghalhekk ma kienx il-kaz li toqghod tilmenta b'tant qawwa.
Nonostante din il-kundizzjoni fizika dghajfa tal-esponenti, il-kwerelanti baqghet tinsisti biex tara dan ix-xoghol ordnat ghal fuq il-qabar ta' missierha u l-appellant indikalha kamra fl-istabiliment fejn tista ' tmur tara x-xoghol.

Il-kwerelanti bdiet taghmilielu aktar difficli billi rrifjutat li tidhol tara x-xoghol wahidha u ghalhekk l-appellanti hadha hu stess fil-kamra fejn kien jinsab dan ix- xoghol. Billi il-bicciet tal-irham li jikkomponu ix-xoghol ma kienux maghqudin, stante illi t-tqeghid tieghu skont is-sengha, jigi esgwit fuq is-sit cioe' fuq il-qabar, il-kwerelanti baqghet tilmenta li ix-xoghol mhux lest. U filwaqt li l-appellant spjegalha li x-xoghol bilfors irid jigi maqghud fuq il-post u ma jistghax jingar shih mill-istabiliment f'Ta' Qali ghall-qabar, il-kwerelanta baqghet tilmenta.
F 'dan l-isfond, l-appellant, fl-istat dghajjef ta' sahha kif kien u anke ghaliex ma setghax jifhern l-intransigenza tal-kwerelanti, kien komprensibilment urtat u qallha sabiex iddarba rasha u thallih bi kwietu minghajr b'ebda mod la qatt uza kliem insolenti u/jew theddid.

Omm il-kweleranti, li xehdet favur il-bint, ma setghet qatt titqies xhud kredibbli , ghaliex filwaqt li kien qed isehh l-argument bejn il-kwerelanta bintha u l-esponenti , hi ma kinitx prezenti u anzi kienet barra fil-karozza fit-triq, mija u ghoxrin pied il-boghod mill-ufficcju.

Ghalhekk bir-rispett kollu, jigi umilment sottorness li jirrizulta li ma kienx hemm bazi sufficjenti ghalxiex l-Ewwel Qorti sabet htija fl-esponenti.

L-esponenti kien ghall-ewwel darba notifikat bil-komparixxi, wara nofs in-nhar tat-Tlieta , 24 ta' Lulju, 2012, sabiex fuq ordni tal-istess Qorti jidher l-ghada quddiemha biex iwiegeb ghal-akkuza. Minhabba il-qosor taz-zmien, huwa ma kienx f'pozizzjoni li jtellgha xhud li kienet prezenti fl-ufficcju, cioe' l-impjegata tieghu certu Erika, li tista' tixhed fuq il-veracita' tal-fatti.

Ghalhekk huwa umilment jitlob li fis-smiegh tal-appell, l-Onorabbli Qorti joghgobha tisma' lill-imsemmija persuna.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz hu wiehed sommarja tad-distrett tal-Mosta. Kif jigri f'dawn il-kazijiet ix-xiehda li nghatat quddiem l-ewwel Qorti ma gietx traskritta u ghalhekk din il-Qorti jkollha tisma mill-gdid il-provi prodotti. Dan ifisser ukoll li ma hemm ebda kontroll fuq il-mod jew fuq il-kontenut tax-xiehda.

Illi dan il-kaz kellhu l-bidu tieghu meta fil-31 ta' Dicembru, 2011 miet missier Maria Falzon. Hi u ommha, Josephine Galea, marru ghand l-appellant biex jordna l-irham ghal fuq il-qabar tas-Sur Galea. Huma ghamlu l-ordni, ftehmu fuq il-prezz u li x-xoghol kellhu kellhu jitqieghed fic-cimiteru ta' l-Addolorata.

Illi l-incident meritu ta' dan l-appell gara fl-14 ta' Mejju, 2012 meta Maria Falzon flimkien ma binha Nicholai Karl Falzon marru fil-workshop tal-appellant. Illi skont ix-xiehda li ta l-appellant hu matantx kien jiflah dak in-nhar billi marad bl-asthma u it-tabib kien sablu l-pressjoni gholja f'ghajnejh.

Illi meta Maria Falzon dahlet ghandu l-ewwel kellem li lissen kienet 'tragedja'.  Mill-jidher ma tantx ta kazha u minhabba l-fatt tal-kundizzjoni tieghu beda jparla zejjed.  Hu qalilha li x-xoghol kien lest pero' kien qed jistenna l-permess biex ikun jista' jahdem ic-cimiteru.  Milli jidher Maria Falzon ma tantx kienet kuntenta b'din it-twegiba tant li l-appellant jidher li tilef it-tempra u uza kliem mhux xieraq fil-konfront tal-persuna mejta.  Dan il-fatt wassal biex Maria Falzon taghmel rapport lill-pulizija.

Illi mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti ma jirrizultax li kien hemm xi theddid izda jirrizulta li Maia Falzon giet insulentata fl-affetti taghha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa' l-appell ta' Giuseppe Azzopardi li hu ma ghamel ebda theddid fil-konfront ta' Maria Falzon u ghalhekk tehilsu minn kull htija u piena dwar dan il-fatt.  Tichad l-appell tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-fatt li hu nsulenta lil Maria Falzon.  Dwar il-piena.  Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz tikkundanna lil Giuseppe Azzopardi ghal canfira u twiddiba.